

32003R0342

22.2.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 49/13

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 342/2003
tal-21 ta' Frar 2003**

li jemenda għat-tnax-il darba ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nmr 881/2002 li jimponi ċerta miżuri speċifiċi ta' restrizzjoni kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-networks ta' l-Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nmr 467/2001

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat Regolament tal-Kunsill (KE) Nmr 881/2002 li jimponi ċerta miżuri speċifiċi ta' restrizzjoni kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-networks ta' l-Al-Qaida u t-Taliban, u li jabbroga Regolament tal-Kunsill (KE) Nmr 467/2001 tas-27 ta' Mejju 2002 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerta merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, isaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża tal-fondi u riżorsi finanzjarji oħra fejn għandu x'jaqsam it-Taliban ta' l-Afganistan ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat minn Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nr 244/2003 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1), l-ewwel sotto-paragrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I ta' Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, gruppi u entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.

- (2) Fl-20 ta' Frar 2003, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet iddeċieda li jemenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u sorsi ekonomiċi u, għaldaqstant, l-Anness I għandu jkun emendat skond il-bżonn.
- (3) Sabiex jiżgura li l-miżuri maħsuba f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOZZAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I ta' Regolament (KE) Nmr 881/2002 huwa hawnhekk emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Frar 2003.

Għall-Kummissjoni

Christopher PATTEN

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 139, tad-29.5.2002, p. 9.

⁽²⁾ ĠU L 33, tat-8.2.2003, p. 28.

ANNEX

L-Anness I ta' Regolament (KE) Nmr 881/2002 huwa emendat kif ġej:

Il-frażi li ġejja għandha tiżdied taħt l-intestatura "persuni naturali":

Hekmatyar, Gulbuddin (magħruf bħala Gulabudin Hekmatyar, Golboddin Hikmetyar, Gulbuddin Khekmatiyar, Gulbuddin Hekmatiar, Gulbuddin Hekhmartyar, Gulbudin Hekmetyar), data ta' twelid: l-1 t'Awissu 1949, post ta' twelid: Il-provinċja ta' Konduz, fl-Afganistan.
